# *L-artist li pitter il-kwadru tat-titular ta' l-altar ta' San Ġużepp fil-Knisja Arċimatriċi tal-Gudja*



kitba ta'
**KEITH SCIBERRAS**

## *Domenico Bruschi (1840-1910)*

L-EWWEL nofs tas-seklu dsatax kien perjodu illi fih, għall-ewwel darba mill-miġja tal-kavallieri, l-artisti Maltin setgħu jaħdmu fi gżiritna mingħajr id-dominazzjoni assoluta ta' artisti barranin li stabbilew ruħhom hawn Malta. Iżda l-influwenza minn barra baqgħet tinħass sewwa u artisti bħal Giuseppe Hyzler (1793-1858), Pietro Paolo Caruana (1795-1852), Tommasso Madiona (1804-1864), u Salvatore Micallef (attiv f'nofs is-seklu) ħadmu fl-idjomi hekk imsejħa *Nazzarena* u *Purista* li kienu qawwija f'Ruma.

L-artisti tal-ġenerazzjoni ta' wara, fosthom Giuseppe Calleja (1831-1915) u Raffaele Caruana (1820-1886) ukoll komplew jaħdmu f'din it-tradizzjoni ikonografika sakemm, fit-tieni nofs tas-seklu, n-nuqqas ta' personalita' artistika b'saħħitha ġiegħlet lill-awtoritajiet ekklesjastiċi Maltin jikkummissjonaw artisti barranin biex jaħdmu f'Malta. Għalhekk, artisti Taljani bħal Domenico Bruschi (1840-1910), Giovanni Gallucci (1815 - wara 1852), Pietro Gagliardi (1809-1890), u Francesco Grandi (1831-1891) attiraw kemm l-iktar kummissjonijiet prestiġjużi kif ukoll l-għira ta' l-artisti Maltin.

U kien proprju Domenico Bruschi, wieħed minn dawn l-artisti, li fl-1884 ħadem il-kwadru li jirrappreżenta Il-Mewt ta' San Ġużepp, titular ta' l-altar ta' San Ġużepp fil-Knisja Arċimatriċi tal-Gudja.

Imwieled fil-belt Taljana ta' Perugia, Domenico Bruschi, Professur Titulari fir-Regio Istituto di Belle Arti ta' Ruma, kien kiseb suċċess f'Ruma stess meta pitter ċiklu ta' affreski fil-Knisja tas-Santi Appostoli. Hawn Malta l-istess suċċess kisbu bl-aktar xogħol prestiġġjuż li ħadem, il-kwadru tal-Lunzjata (1886), kwadru tassew sabiħ li jinsab fil-Katidral, l-Imdina. Xogħlijiet oħra tiegħu f'Malta huma Il-Madonna tad-Duttrina (1887) fil-Knisja tal-Madonna tal-Pilar, il-Belt, żewġ kwadri laterali li jirrappreżentaw episodji mill-ħajja ta'




Santu Wistin, fil-Knisja ta' l-Agostinjani, il-Belt, Sant'Antnin fil-Knisja parrokkjali tal-Hamrun, San Vincenz Ferrer (1880), fil-Konservatorju Bugeja, il-Hamrun, u xogħol ieħor fil-Katidral ta' Għawdex.

Il-kwadru tal-Gudja huwa xogħol maħkum minn silenzju traġiku hekk kif ix-xwejjaħ Ġużeppi, mimdud f'perspettiva qawwija, jgħolli għajnejh il-fuq u jiftaħ idejh f'telqa għajjiena waqt li Kristu solennament jerfa' idejh biex ibierku. Il-libsa ħafifa ta' Kristu, għalkemm mhux massiċċa, tagħmel lil figura tassew monumentali. Il-moviment tiegħu jolqotna għall-bilanċ li bih huwa mfassal, hekk kif Bruschi jirnexxielu joħloq ċertu dinamiżmu bl-impast oħxon li biha hija applikata ż-żebgħa. Wiċċu huwa mitfi bid-dell waqt li dawl qawwi jimmodella biss il-wiċċ espressiv ta' Ġużeppi. Il-kommozzjoni tax-xena hija kollha miġbura fil-figura tal-Madonna li, għarkubbtejha maġenb Ġużeppi, tħares b'rassenjazzjoni waqt li taqbad id il-Qaddis.

It-tliet figuri jimlew l-ispazju ċentrali tal-kompożizzjoni li, fil-fond tagħha, tasal sal-pjan tal-figuri u tisfuma fis-sħab li jokkupa l-ispazju ta' wara sakemm jinfetaħ minn anġli u puttini biex titwitta t-triq għall-ġenna. Teknikament u kromatikament il-kwadru għandu merti konsiderevoli, bil-kulur jilgħabu b'armonija intima fid-drappeġġ tal-figuri. Il-kwadru huwa ffirmat u ddatat *D. BRUSCHI ROMA 1884.*

L-influwenza ikonografika ta' Bruschi tinħass f'artisti Maltin li, barra milli setgħu ltaqgħu miegħu fl-Akkademji ta' Ruma, ġew f'kuntatt dirett ma' l-arti tiegħu f'Malta stess. Lazzaro Pisani (1854-1932), artist Malti li kien jaf lil Bruschi personalment, żgur li għamel studji minn u bbaża l-kompożizzjoni ġenerali fuq il-kwadru tal-Gudja qabel ma hu pitter kwadru ta' l-istess suġġett għall-Knisja parrokkjali ta' l-Għasri f'Għawdex.

**Biblijografija**


- Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands (1400-1900)*, Malta 1988
- Gino Gauci (ed), *Sacred Art in Malta (1890-1960)*, Malta 1990.
- Keith Sciberras, *Lazzaro Pisani as an Ecclesiastical Artist*, Malta 1992.